MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 568/2004

**Vadala Company Limited**

**vs**

**L.V.Trading Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tlettax-il lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm613.96) rappresentanti l-prezz ta' merci debitament kkonsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq ordni u inkarigu specifiku taghhom, bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha**

**kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma ngunti in subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tas-16 t'April, 2004 deher id-difensur tas-socjeta` konvenuta li ddikjara li qed jikkontesta t-talba u li hemm probabbilta` ta' transazzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' John Agius Vadala ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont hames mija u tlieta u sittin lira u sitta u disghin centezmu (Lm563.96) ghadu dovut. Il-konvenut baqa' ma ressaqx provi.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, t-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' hames mija u tlieta u sittin lira u sitta u disghin centezmu (Lm563.96) bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Marzu, 2003, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------